**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 419 tal-25 ta' Jannar 2021 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari li jeċċedu l-*advisory cost limit***

Fis-Seduta tal-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2021, eżattament wara l-ħin tal-Mistoqisijiet, l-Onor. Ivan Bartolo talab lis-Sejda:

> "**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President, nikkomunika miegħek il-PQ 17920, fejn l-Onorevoli Prim Ministru tani din it-tweġiba:
>
> > "**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-*advisory cost limit*."
>
> Nitolbok tinvestiga u anke tagħti *ruling* dwar jekk il-Prim Ministru jistax iwieġeb b'dan il-mod, b'mod speċjali fejn jidħlu finanzi. Nirringrazzjak.".

Is-Sedja hawnhekk tat il-kelma lill-Ministru Carmelo Abela, li kienet qiegħed iwieġeb għannom tal-Prim Ministru, li qal:

> "**ONOR. CARMELO ABELA:** Iva, Sur President. Fir-rigward ta' dak li qal l-Onor. Bartolo nixtieq li niġbed l-attenzjoni għar-*ruling* li tajt int stess, Sur President, fis-7 ta' Marzu 2016."

Fil-konsiderazzjoni tagħha dwar din it-talba s-Sedja rat il-mistoqsija parlamentari li għamel referenza għaliha l-Onor. Ivan Bartolo, li hija domanda 17920 li saret fil-5 ta' Jannar 2021 dwar 'Nefqa fuq komunikazzjoni lill-media' li twieġbet fis-Seduta 418 tal-20 ta' Jannar 2021, u nikkwota:

> "**L-Onorevoli IVAN BARTOLO staqsa lill-Onorevoli ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17586, 17075, 15759, 14792 u 14248 u jgħid x'nefqa saret għall-komunikazzjoni lill-*media* u reklamar, *press conferences*, u fuq *facebook* mill-2017 'l hawn?"

It-tweġiba tal-Prim Ministru, kif mogħtija mill-Onor. Carmelo Abela f'ismu, kienet taqra kif ġej:

> "**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-*advisory cost limit*."

L-ewwel *ruling* li rat is-Sedja kien dak li saret referenza għalih mill-Ministru Carmelo Abela, li ngħata fis-Seduta 365 tas-7 ta' Marzu 2016 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari. F'dak ir-*ruling* is-Sedja kienet kkonstatat li d-domanda li qamet il-kwestjoni dwarha kienet tissodisfa l-kweżiti tal-Ordni Permanenti 27, ċjoè li "L-iskop xieraq ta' interpellanza jkun li jinkiseb tagħrif dwar ħaġa ta' fatt fit-tagħrif speċjali tal-membru li lilu tkun saret." L-OP 27 jkompli billi jelenka l-mod ta' kif inhu regolat l-għemil ta' interpellanzi.

Irid jingħad illi d-domanda tal-Onor. Ivan Bartolo fil-fatt tissodisfa wkoll dawn il-kweżiti li joħorġu minn OP 27.

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għall-fatt li kif intqal f'diversi *rulings* mogħtija minnha stess kif ukoll mis-Sedja diversament preseduta, u kif inhija l-konswetudni fil-House of Commons tar-Renju Unit, is-Sedja ma tista' qatt u bl-ebda mod tindaħal f'risposta li tingħata minn Ministru. Fir-*ruling* ċitat, is-Sedja, skont l-Ordni Permanenti 197, irreferiet ukoll għall-*research briefing* Nru 04148 tal-House of Commons datata 6 ta' Mejju 2015 bl-isem *Parliamentary Questions: Recent Issues* minn Mark Sandford, fejn jingħad dan li ġej:

> "*There are no formal appeal rights regarding answers that are considered by Members to be incomplete or otherwise unhelpful. In recent years, a number of Members have raised Points of Order because they have considered the answers they received to be inadequate. The Speaker's responses have referred to the standard routes open to Members: tabling further questions; complaining to the Procedure Committee ...; seeking an adjournment debate; and writing to Ministers.*"

Barra minn hekk, din l-istess pubblikazzjoni tittratta wkoll il-limitu ta' nefqa mill-Ministru kkonċernat biex tingħabar informazzjoni li dwarha tkun saret id-domanda, u allura biex tingħata tweġiba għal interpellanza parlamentari. Għaldaqstant inkompli nikkwota mir-*ruling* ċitat, u ċjoè:

> *"Ministers may refuse to answer a question if the cost of doing so would exceed a certain amount, known as the advisory cost limit. This currently stands at £850."*

Din il-gwida fir-Renju Unit jidher illi għadha viġenti, u ser nikkwota *Guide to Parliamenary Work* tal-Cabinet Office tar-Renju Unit datat 2018 fejn jingħad illi:

> *"There is an advisory cost limit known as the disproportionate cost threshold which is the level above which departments can decide not to answer a written question. The current disproportionate cost threshold is £850 (from 8 February 2012); the limit does not apply to oral questions."*

Hawn ta' min jingħad illi fl-istess dokument '*written question*' fil-House of Commons tista' tkun ta' żewġ tipi, u nikkwota:

> "- Questions for ordinary written answer are put down for answer no earlier than two sitting days after they are received and, by convention, the Government aims to answer within a working week of tabling.
> - Questions for answer on a named day – i.e. a date on which the MP wishes to have an answer, the minimum period of notice being three sitting days"

'*Oral questions*', skont l-istess dokument, min-naħa l-oħra jirreferu għal erba' mistoqsijiet f'kull seduta fejn is-suġġett tagħhom ma jkunx ristrett, li r-regoli tagħna ma jipprovdux għalihom. Dan qiegħed ngħidu sabiex l-applikazjoni tal-*advisory cost limit* fil-kuntest tal-Parlament Malti jkun korrett.

Dan l-istess prinċipju kien fil-fatt invokat f'*ruling* mogħti mill-Ispeaker Myriam Spiteri Debono lura fis-7 ta' Frar 1997 fejn kienet qalet illi:

> "Għandu jingħad ukoll illi n-nuqqas ta' limitazzjoni għad-dritt li jiġu magħmula domandi li jridu jingħataw risposta bil-miktub ma jfissirx illi hemm xi dritt illimitat li jingħataw risposti. Jibqa' fatt stabbilit b'*rulings* preċedenti tas-Sedja li s-Sedja

> m'għandhiex kontroll fuq it-tweġibiet li jingħataw. L-*Erskine May*, paġna 293, *inter alia* jgħid illi l-Ministru jista' ma jweġibx għall-mistoqsijiet parlamentari, u dan għal diversi raġunijiet. Interessanti hawnhekk jingħad illi Ministru jista' saħansitra jirrifjuta li jagħti risposta għar-raġuni illi ser ikun hemm spiża disproporzjonali biex din tingħata u difatti fir-Renju Unit l-ammont tal-ispiża huwa kwantifikat. (Constitutional and Administrative Law - Stanley de Smith and Rodney Brazier, Sixth Edition li jikkwota minn House of Commons debate 429 tal-14 ta' Marzu 1988)"

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, is-Sejda tiddeċiedi li ladarba l-Prim Ministru ddikjara li sabiex titwieġeb din il-mistoqsija tal-Onor. Ivan Bartolo jkun qiegħed jinqabeż l-*advisory cost limit*, allura l-Prim Ministru huwa ġustifikat li jagħti din it-tweġiba.

Ir-*ruling* huwa deċiż.